# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt**

Minuti tas-seduta numru mija u tnax (112) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar it-8 ta' Jannar 2013 fis-7:20pm, fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Noel Galea | Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (ES) |
| Skużati: | Charles Farrugia | Deputat Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |

1. Qabel ma bdiet il-laqgħa, infetħet l-offerta tal-propost *storm water culvert* fi Triq il-Qattara. Aktar tard fil-laqgħa is-SE kien awtorizzat jerġa' joħroġ is-sejħa mill-ġdid bl-istess speċifikazzjonijiet peress li din minkejja li nxtrat minn tliet kuntratturi: *Polidano Bros*, *Dimbros Co Ltd* u *Denfar Excavations Ltd*, intefgħet biss minn dak tal-aħħar u l-kuntrattur kien għoli ħafna fil-prezzijiet. Nicholas Briffa qal li t-talba biex isir il-*water culvert* kien ilha hemm imma l-KLM m'għamilx il-*water culvert* max-xogħol tal-kisi tal-wiċċ tat-triq. Hawn is-sindku wieġeb li ma sarx minħabba d-djuqija ta' Triq San Mikiel. Il-*mains* u s-servizzi li hemm taħt wiċċ it-triq ma kienux jippermettu spazju biżżejjed għal *pipe* ta' wisgħa ta' bejn it-12 u l-14-il pulzier.

2. Is-Sindku Noel Galea ippresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

3. Id-Deputat Sindku Charles Farrugia u l-Kunsillier Grace Marie Mallia avżaw illi ma setgħux jattendu għal din il-laqgħa u talbu li jkunu skużati. Il-kunsillieri preżenti skużawhom.

4. Il-minuti tas-seduta preċedenti kienu approvati u ffirmati wara xi korrezzjonijiet żgħar ħafna li sarulhom.

**Punti mill-Minuti:**

5. Is-sindku qal illi l-avviż biex nitolbu l-għajnuna tal-pubbliku ħalli naraw ta' min hija l-*plot* fi Triq tat-Torba tpoġġa mal-*fence* li dawwar biha l-KLM l-istess *plot*. Sadanittant is-SE kiteb lill-*MEPA* uffiċjalment sabiex ninfurmawha illi f'każ li ssib quddiemha applikazzjoni għal żvilupp f'xi wieħed mis-siti indikati mill-KLM u li fihom saret spiża mill-KLM biex ittieħdu dawn il-miżuri ta' prekawzjoni, din tobbliga lis-sidien li l-KLM jingħata refużjoni tal-ispejjeż ta' l-ilqugħ. Is-sindku qal li xorta tibqa' d-diffikultà biex ikunu identifikati s-sidien tal-*plots*.

6. Dwar il-Katakombi tal-Mentna, is-SE qal illi għadna kemm irċevejna *e-mail* minn *Heritage Malta*, propju mingħand Ms Sue Depasquale, fejn din infurmatna illi se jittieħdu diversi miżuri fosthom illi jitnaddfu dawn il-katakombi fir-rebbiegħa. Intant il-KLM se jitlob sabiex dan it-tindif isir matul din ix-xitwa.

7. Is-sindku qal li s'issa għadna ma lħaqna l-ebda kompromess biex jinħatt il-ħajt li hemm fi Triq tas-Sejba kantuniera ma' Triq is-Siġġiewi. Hu qal li ma kienx hemm l-opportunità li jitkellem mas-Sur Facciol, sid l-għalqa.

8. Dwar il-proġett tal-Mentna fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti, is-SE qal illi dan hu proċess illi jitlob li hekk kif jitħallas kont, hu jieħu l-irċevuti lill-Aġenzija tal-Pagamenti fil-Ministeru tal-Iżvilupp Rurali biex jittoppjaw il-kont bankarju tagħna u jitħallas dak ta' wara. Intant bħal issa ninsabu niċċejżjaw żewġ riċevuti ta' *Schembri Barbros* biex ikunu jistgħu jitħallsu aktar

kontijiet tiegħu stess. Intant is-sit elettroniku ta' *Hive Information Systems* li s-sid hua is-Sur Clayton Zammit, issa qiegħed jaħdem u l-*MRRA* ħallsuh u qed nistennew l-irċevuti tal-pagament.

9. Id-diskussjoni daret fuq id-*depressions* li tfaċċaw fi Triq tas-Sejba. Is-sindku qal illi waslet *email* fejn ħarġet is-sejħa minn *Transport Malta* dwar it-tiswija tal-ħsarat f'din it-triq. Is-sindku qal li sar jaf illi din il-ħsara flimkien ma' dik ta' Pjazza Ġublew tad-Djamanti issa qed jieħu ħsiebha il-Perit Borg fi ħdan *TM* minflok il-Perit Graziella Galea.

10. Kien hemm sospenzjoni tal-laqgħa fit-7:50pm biex il-kunsillieri laqgħu lis-Soċjetà tad-Dutrina Kristjana, *MUSEUM* fergħa rġiel li għadhom kemm iċċelebraw it-tmenin sena mit-twaqqif tal-qasam fl-Imqabba. Is-sindku ppreżenta *token* lilhom tal-okkażjoni.

11. Il-laqgħa kompliet fid-8:40pm.

12. Dwar il-proposta sabiex titwaqqaf assoċjazzjoni biex tibda tieħu ħsieb il-manutenzjoni tal-binja komuni tal-appartamenti fi Triq il-Ħarriġiet, is-SE qal li s'issa rċevejna espressjoni ta' nteress minn madwar tliet familji mill-erbgħa u għoxrin appartament li hemm imqassmin fuq erba' entraturi. Il-KLM iddeċieda li jagħti aktar ċans jidħlu oħrajn u jekk nibqgħu b'rispons baxx daqshekk, se navżaw lill-Awtorità tad-Djar bl-eżodu ta' dan kollu għaliex ma jkunx possibbli li titwaqqaf din l-assoċjazzjoni tar-residenti. Jekk ir-riżultat ikun inkuraġġanti, għandna naraw min huma, u jekk fil-każ nibagħtu għalihom biex titwaqqaf l-assoċjazzjoni.

13. Is-SE kien awtorizzat illi jordna l-*humps* tal-lastiku għal Triq Ħal Kirkop propju ftit 'l isfel minn fejn kienet dik li tqattgħet bil-vetturi qabel ingħata t-*tarmac* lil din it-triq. Is-sindku qal li dawn huma importanti li jsiru għaliex kien hemm aċċident u faqgħu karozza pparkjata fil-parti li fiha tidjieq it-triq apparti li l-veloċità li qed jgħaddu biha, qed ikunu ta' periklu kull ħin.

**AĠENDA:**

14. Dwar l-attivitajiet tal-Milied, is-sindku qal li se nirċievu donazzjoni biex tagħmel tajjeb għal ftit mill-ispejjeż li saru fil-*party* tat-tfal mingħand *Nexos Street Lighting*, *Asfaltar Ltd*, u *Buz Dov Co Ltd*.

15. Is-sindku semma wkoll l-attività li kien hemm marbuta mat-twaqqif tal-*MUSEUM* fl-Imqabba, dik tal-Presepju Ħaj organizzata mis-Sezzjoni Żgħażagħ tas-Soċjetà Santa Marija tal-Imqabba li kienet attrazzjoni għar-raħal tagħna, u t-tqassim tas-*CDs* u l-kotba bl-isem 'Vjaġġ fin-Nofsinhar ta' Malta', lit-tfal tal-iskola kif imħabbar minnu f'Jum il-Premjazzjoni.

16. Is-SE kien awtorizzat sabiex jagħmel talba lil *Transport Malta* biex jiżdied parkeġġ tad-*Disabled Parking* fil-Pjazza tal-Knisja viċin dik eżistenti biswit is-siġra taż-żebbuġ.

17. Is-sindku qal li se jitlob lill-Uffiċċju tal-Perit Bezzina sabiex dawn jagħmlu r-*road markings* li hemm bżonn fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti b'mod speċjali l-*yellow lines* li bihom hu ttamat li jkun regolat il-parkeġġ fl-inħawi taż-*zebra crossings*. Nicholas Briffa qal illi l-mekkanik qed jaħdem fuq barra u għalhekk irid isir *double yellow line*, filwaqt li Noel Galea qal li hekk kif ikun hemm il-*pedestrian crossing*, min ikun ipparkjat fuqha, ser ikun suġġett għall-*wardens.*

18. Is-SE kien mitlub sabiex jimla l-applikazzjoni tal-kurrent elettriku (permanenti) u jibgħatha lill-Kuntrattur *Schembri Barbros* ħalli jkun hemm il-kurrent fis-*cctv cameras*, fil-funtana u fid-dwal li hemm fil-ġnien. Dawn iridu jkunu iffirmati minn enġinier tagħhom li se jieħu r-responsabbiltà tal-kumnikar tal-elettriku.

19. Il-KLM ikkunsidra l-proposta tar-Reġjun Nofsinhar u qal li l-proposta tad-dħul ta' 10% taċ-ċitazzjonijiet lil-lokalitajiet li fihom ikunu nħarġu l-multi, tmur kontra l-ispirtu tal-*pooling*.

Nicholas Briffa qal illi fil-verità, fil-passat il-kunsilli tan-naħa tagħna, sena biss damu fil-*pooling* għaliex kulħadd ġibed għal xawwatu u fl-imgħoddi l-kunsilli ż-żgħar batew. Is-SE se jkun qed juri l-oġġezzjoni tal-KLM mas-segretarju eżekuttiv tar-reġjun konċernat.

20. Dwar it-talba biex resident jara l-*file* ta' Triq San Mikiel, is-sindku qal illi fil-verità m'għandniex dokumenti x'nuru, għaliex il-biċċa l-kbira tax-xogħlijiet saru mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet, minkejja li *Asfaltar Ltd* (il-kuntrattur tal-KLM) kien tqabbad iħaffer u jpoġġi l-kanni tal-ilma qabel ma nksiet it-triq mid-dipariment bil-*paving blocks*. Infatti il-KLM, dak iż-żmien kien ħareġ l-ispejjeż għall-provista tal-mattonċini biss għaliex il-wisgħa tat-triq ma ppermettiex li joqgħod *pipe* miżerjament tal-pied għall-ilma tax-xita. Għaldaqstant is-SE kien awtorizzat sabiex jibgħat jinforma lil kull min iffirma l-petizzjoni sabiex jattendu l-laqgħa pubblika li l-KLM appunta għal nhar il-Ġimgħa, 25 ta' Jannar fis-7.00pm fl-Isptar il-Qadim. Nicholas Briffa talab li sa dak in-nhar tal-laqgħa s-segretaju eżekuttiv jagħti rendikont ta' xi tħallas u ma tħallasx fuq il-proġetti tat-toroq u fuq dak tal-Mentna.

21. Kienet approvata l-*payment approval sheet* numru 454 li ddaħħlet fiha *row* 37 (Anthony Bonello – użu tal-karozza personali Ġunju – Diċembru, 2012, €323.88 u kienet ukoll korretta *row* 1 għal €35 fejn ingħata t-*token* lis-Soċjetà tal-*MUSEUM*.

22. Is-sindku semma l-*awarding* ta' żewġ skemi lokali mid-Dipartiment Gvern Lokali fil-Berġa ta' Kastilja. Hawn il-KLM se jkun jista' jirrestawra kemm l-istatwa tal-Kunċizzjoni u dik ta' San Franġisk bil-pedestall b'kollox għas-somma ta' €3,000. Intant is-SE se jikteb lid-dipartiment illi fil-każ tagħna dawn l-istatwi jinsabu fuq art pubblika u m'hemmx għalfejn isir ftehim mas-sidien tagħha. L-iskema l-oħra hija fuq *closed circuit tv* li se jkunu installati fil-Pjazza tal-Knisja u fi Ġnien Tfal ir-Raħal għas-somma ta' €7,000.

23. Is-SE kien awtorizzat sabiex japplika f'isem il-KLM għas-servizz tal-*internet* mal-*GO plc* ħalli jkun hemm is-servizz tal-*WI-FI* fl-inħawi tal-Każin tal-Futbol.

24. Għat-talba ta' *Gafa Cleansing Services* il-Kunsill Lokali tal-Imqabba qed joġġezzjona għaż-żieda fir-rata minħabba l-*COLA* għaliex kuntratt ma tistax tinbidillu r-rata tiegħu b'dan il-mod. Għaldaqstant il-KLM mhux qed jaċċetta din iż-żieda fir-rata tat-tindif tal-uffiċċju.

25. Il-laqgħa ntemmet fl-9:40pm u se ssir dik li jmiss nhar it-22 ta' Jannar, 2012 fl-istess ħin.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*22/ 01/ 2013 minn:* | **Noel Galea**<br>**Sindku** |